**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 471/2019 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Trevor Micallef)**

**vs**

**Keith Joseph Mallia**

**Illum 11 t'Ottubru 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Keith Joseph Mallia iben Emanuel Theresa nee' Sciberras, imwieled Attard nhar is-6 ta' Marzu 1971, residenti 95, Golden Gennet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 148471(M),

Akkuzat talli bejn it-12 ta' Dicembru 2016 u t-2 ta' Frar 2019 bhala propjetarju u/jew amministratur tal-fond Golden Gannet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kissirt il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollok l-uzu jew

konsum elettriku jew li bihom stajt twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew marker fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata ikkommettejt serq tal-kurrent elettriku liemaserq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' li jiskorri l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu;

Akkuzat aktar talli irrenda ruhu recidiv ai tenur ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba f'kaz ta' sejbien ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' mill-Ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi kif korretti fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 22 ta' Jannar 2021.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u semghet ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta' Marzu 2022 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

a. Fl-artikolu 18; 261(b)(c)(f); 263; 264; 265; 266; 267; 270; 278; 279(b); 280; 281; 283; 283A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 49 u50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 15A; 17; 18; 20; 23; 31; 382A; 383; 384; 385; 386; 412C; 412D; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju 2022 li l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz ta bidu meta l-pulizija irceviet kwerela datata 8 ta' Frar 2019 meta intalab mill-Korporazzjoni Enemalta biex jibdew proceduri kontra Keith Joseph Mallia ta' karta ta' identita' numru 485974M ta' l-indirizz Golden Gannet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq u dan ta' konsum mhux registrat. Dan johrog mill-fatt li meta marru l-ufficcjali ta' l-Enemalta fuq il-post indikat, sabu wajer hiereg minn gor-residenza u mqabbda mal-linja tad-dawl ta' barra. Hawnhekk huma nehhew dan il-wajer u ghamluh go evidence

bag u sar rapport l-ghassa li kien qed jinsteraq id-dawl mill-Enemalta ghal go din ir-residenza. Huma jghidu wkoll fix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti li ghalkemm tnehha l-wajer u l-abbuz, ma tkellmux ma' sid ir-residenza. Jirrizulta mill-atti processwali li l-propjeta' indikata tghajjat lil Keith Joseph Mallia, kif l-istess imputat jghid li r-residenza hija tieghu u ta' martu izda ilu l-fuq minn sentejn bla dawl.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat huwa akkuzat bir-reat tas-seraq ta' dawl kif ukoll li huwa irrenda ruhhu recidiv.

**Il-Provi**

Illi meta wiehed jifli l-provi li gewipprezentati fil-process, primarjament jirrizulta lil-propjeta' indikata bhala Golden Gannet, Triq Guzepp Demicoli, Ghaxaq, tghajjat lil Keith Joseph Demicoli. Illi mill-provi li ipproducew ir-rapprezentanti ta' l-Enemalta, li xehdu f'din il-kawza, huma jghidu li l-kont tad-dawl tal-propjeta' minn fejn kien ghaddej il-wire in kwistjoni jappartjeni lil Keith Joseph Mallia ta' karta ta' identita' numru 485974M. Dan gie ikkonfermat ukoll mid-dok AZ1 ezebit minn Anton Zerafa fis-seduta datata 21 ta' Mejju 2021. Illi dawn l-istess dettalji huma lkoll indikati fil-kwerela li giet mibghuta lill-pulizija biex jinbdew dawn il-proceduri u cioe' Keith Joseph Mallia ta' karta ta' identita' numru 485974M li huwa ir-*registered user* tal-kont indikat ghall-propjeta' hawn fuq surreferita.

Madanakollu, l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-proceduri ittiehdu kontra Keith Joseph Mallia, ta' karta ta' identita' numru 148471M li joqghod Golden Gennet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq. Fil-fatt ix-xhud Antoine Busuttil, Head of Revenue ta' l-Enemalta, meta muri d-dokument a fol 17 tal-process li hija l-kwerela li tat bidu ta' dawn il-proceduri, jghid is segwenti:

*"Pros: Min hu l-consumer u x'ID Card number ghandu?*

*Xhud: Keith-Joseph Mallia u l-ID Card 148471M. Sorry, sorry 148471M ghandi jiena hawnhekk."*

Ix-xhieda tieghu u l-id card indikata minnu ma taqbilx ma' dik tal-kwerela, lanqas ma taqbel ma' Dok AZ1 ezebit fil-proceduri, ghaliex f'dawk iz-zewg dokumenti l-karta ta' l-identita' imnizzla hija dik ta' 485974M.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi l-oneru tal-prova tal-prosekuzzjoni huwa wiehed gholi hafna. Din il-Qorti ma jrid ikollha l-ebda dubju li kien l-imputat li wettaq ir-reat imsemmi. Dan certament il-Qorti ma tistax tasal ghalih, ghax hemm konfuzjoni kbira fuq l-identita' tal-persuna li fuqha huwa registrat il-kont tad-dawl ta' Golden Gennet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq. L-ufficcjali ta' l-Enemalta naqsu wkoll milli jkellmu lill-imputat dak in-nar li tnehha l-wajer in kwistjoni, u hadd mix-xhieda ma gie mistoqsi jekk ta' l-inqas huma humiex jaghrfu l-identita' ta' l-imputat.

Illi ai termini ta' l-Artikolu 283A dawn il-proceduri jibdew biss meta ssir il-kwerela mill-parti offiza. Il-kwerela tindika persuna b'karta ta' identita' kompletament differenti minn dik ta' l-imputat ghalhekk il-Qorti certament li f'dan ix-xenarju ma tistax issib htija.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261(a)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280, 281, 283, 283A, 49, 50, 15A, 17, 18, 20, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**